# Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat

## (Parti bil-miktub)

## Il-Ħamis 14 ta' Jannar 2016

## 9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.*

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B huwa ta' tliet siegħat)**

## Parti A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin:

1. Ħejji l-att meħtieġ biex issir talba għal rimedju taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319] għax il-klijent tiegħek igħid illi saret diskriminazzjoni kontra tiegħu fit-tgawdija ta' jedd imħares taħt il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

2. Ħejji appell kontra dikjarazzjoni ta' esekuzzjoni ta' sentenza mogħtija kontra l-klijent tiegħek minn qorti fl-Italja.

3. Ħejji (a) tweġiba għal rikors maħluf li fih qiegħed jintalab illi l-klijent tiegħek bħala werriet jiġi kundannat iħallas legat imħolli lill-attur fit-testment tal-mejjet; u (b) rikonvenzjoni b'kontro-talba biex l-attur jikkonsenja lill-klijent tiegħek ħwejjeġ tal-wirt li jinsabu f'idejh.

4. Ħejji l-att meħtieġ biex issir talba għat-tħassir ta' mandat kawtelatorju ta' sekwestru maħruġ kontra l-klijent tiegħek jew, alternativament, biex tingħata garanzija għall-ħlas ta' penali, danni u mgħax.

5. Ħejji l-atti meħtieġa biex issir (a) talba għall-ftuħ u pubblikazzjoni ta' testment sigriet u (b) talba biex il-klijent tiegħek li ġie diżeredat mingħajr raġuni tajba jingħata l-porzjoni riservata li tmiss lilu.

6. Ħejji appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li sabet lill-klijent tiegħek ħati ta' approprjazzjoni bla jedd u ikkundannatu għall-piena ta' priġunerija għal tmintax-il xahar.